MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru. 27/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**FRANCIS AXIAQ**

**Kawza Nru. 27/2005**

**Illum, 23 ta' Marzu 2012**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat FRANCIS AXIAQ ta' hamsa u tletin sena, bin Augustine u Mikelina nee' Cauchi, imwieled Victoria, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru, 1969 u residenti fil-fond numru 6, Triq it-Torri, San Lawrenz, detentur tal-

Karta ta’ l-Identita’ 1270(G) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli f’Ghawdex:

1. F’jum mhux maghruf bejn l-ghaxra (10) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom antikitajiet mill-fond Dar Geita, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghad-dannu ta’ Joseph Ellul, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

2. Fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) ta’ Awwissu, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti antiki mill-fond Razzett, Triq ir-Rokon, San Lawrenz ghad-dannu ta’ Lewis Cauchi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u hin.

3. Fl-istess lejl, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Lewis Cauchi.

4. F’jum mhux maghruf bejn it-tnax (12) u l-(14) ta’ Awwissu, 2005 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond Dar Hope, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghad-dannu ta’ Michael Carter, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

5. Fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Michael Carter.

6. F’jum mhux maghruf bejn it-tnax (12) u s-sittax (16) ta’ Awissu, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond Dar ta’ Xmun, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghad-dannu ta’ James Nolan, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

7. Fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ James Nolan.

8. F’jum mhux maghruf bejn l-erbatax (14) u l-ghoxrin (20) ta’ Awwissu, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti antiki mill-fond Dar Hope, Triq ir-Rokon, San Lawrenz,

ghad-dannu ta’ Michael Carter, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

9. Fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Michael Carter.

10. Fis-sittax (16) ta’ Awwissu, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti antiki mill-fond 5, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghadd-dannu ta’ Hans Gunther Bloking, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u hin.

11. F’jum mhux maghruf bejn id-dsatax (19) u t-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awwissu, 2005, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti antiki mill-fond 8, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, ghad-dannu ta’ Joseph Axiak, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

12. Fil-lejl ta’ bejn is-sitta u ghoxrin (26) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Awissu, 2005 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti antiki mill-fond 5, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghad-dannu ta’ Hans Gunther Bloking, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin.

13. Fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Hans Gunther Bloking.

14. Fil-gimghat ta’ qabel it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu, 2005, xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

15. Akkuzat ukoll talli sar ricediv b’diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux iktar jigu mhassra.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe’ l- estratt mill-Att tat-Twelid tal-imputat u l-Fedina Penali tieghu.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, lill-imptuat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju  u x-xhieda prodotta mid-difiza.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Maurice Curmi** xehed fit-13 ta' Settembru 2005 fejn iddikjara li fl-20 ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) kien gie nfurmat mis-Surgent illi certu Anthony Farrugia ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghaxija (3:30pm) irraporta l-Ghassa r-Rabat illi f'farmhouse ta' certu Hans Gunther Bloking, Germaniz, li kien jinsab imsiefer, u kien qed jiehu hsiebha hu, illi meta ftit qabel mar f'din l-imsemmiha farmhouse biex isaqqi, induna li xi hadd mhux maghruf kien dahal u sgassa  l-imsemmiha farmhouse u seraq diversi oggetti.

Sussegwentament huwa kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa b'din is-serqa u kien hatar xi esperti biex ighinuh fl-inkjesta. L-Ispettur stqarr illi minn investigazzjonijiet illi ghamlu rrizulta li l-imputat Francis Axiaq seta' kien involut f'sensiela ta' serqiet li kienu qed isehhu fl-inhawi ricentement. Sussegwentament huwa kien tella' s-serq kollu simili, minn farmhouses fil-vicinanza li kien sehh f'Awissu u sab li kienu sehhew madwar tmienja u kienu kollha f'postijiet differenti hlief ghal tnejn. Huwa qal li fi tnejn minnhom, fosthom ta' Hans Gunther Bloking l-individwu responsabbli kien dahal darbtejn.

L-Ispettur tenna li huwa kien ghamel tfittxija fid-dar fejn joqghod l-imputat izda dan baqa' jichad kategorikament li kellu x'jaqsam ma' dis-serqa partikolari. Gara li xi jiem wara, xi hadd iehor minn dawn id-derubati kien mar ghand wiehed armat Pjazza Savina jbiegh l-antikitajiet fejn hemmhekk kien gharaf xi oggetti li nsterqu. Ghalhekk l-Ispettur qal li kienu ghamlu tfittxija lil Piju Borg *antique dealer*, fejn sabu diversi oggetti li kienu fil-fatt insterqu. Sussegwentament l-Ispettur ghajjat lid-derubati kollha fil-postijiet li ghandu Piju Borg u kulhadd kien gharaf xi haga minn dawn l-oggetti li kienu nsterqu mill-propjetajiet rispettivi taghhom.

L-Ispettur tenna li dawn l-oggetti kollha kienu gew elevati. Sussegwentament kienu baghtu ghall-imputat. Dan l-imputat fl-istqarrija li kien irrilaxxja quddiem l-allura spettur illum Supretendent Antonello Grech wara li nghata s-solita twissija kien ammetta li kien responsabbli minn zewg serqiet li kienu gew irraportati, li huma wahda ta' Joseph Axiaq u l-ohra ta' Louis Cauchi.

Ix-xhud sostna li kien ammetta li dawn is-serqiet kien responsabbli ghalihom hu pero' l-ohrajn kien cahadhom. Dan minkejja li Piju Borg kien qalilhom li dawn l-oggetti kollha li ghandu kien gabhomlu l-imputat Frankie Axiaq. Fil-fatt kienu ghamlu konfront bejn Piju u l-imputat fejn Piju baqa' jinsisti li kien hu li gabhomlu filwaqt li l-imputat baqa' jinsisti li ma kienx hu li tahomlu.

L-Ispettur esebixxa stqarrija li rrilaxxa l-imputat quddiem l-allura spettur illum Supretendent Antonello Grech flimkien ma' PC 1371 Alfred Grech fejn wara li nghata s-solita twissija kien ammetta li kien responsabbli ghal dawn iz-zewg serqiet, dawk li rrapportaw Joseph Axiaq u Louis Cauchi. Huwa nnega li kellu x'jaqsam mal-kumplament.

L-Ispettur kompla jghid li l-affarijiet li kienu gew elevati fuq il-post fejn kien qed izommhom Piju Borg kienu gew fotografati .

L-istqarrija li esebixxa l-Ispettur giet mmarkata bhala Dokument MC. L-oggetti kollha li jidhru fir-ritratti tal-inkjesta esebihom formalment. L-Ispettur ra r-rapport illi kien ghamel huwa stess lill-Magistrat tal-Ghassa datat sebgha u ghoxrin (27) t'Awissu elfejn u hamsa (2005) fejn gharaf il-firma tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu.

**Louis Cauchi** xehed fit-13 ta' Settembru 2005 fejn iddikjara li ghandu propjeta' maghrufa bl-isem ta' "Lou Agnes", Triq il-Wileg, San Lawrenz. Huwa jiftakar li xi zmien ilu bejn l-ghaxra (10) u l-hdax (11) t'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) huwa kien safa' vittma ta' serq minn dan il-fond fejn hadulu zewg eghriebel u xi affarijiet ohra antiki. Huwa jiftakar ukoll li xi zmien ilu kien baghat

ghalih l-Ufficcjal Prosekutur u kien talbu jekk huwa ghadux f'posizzjoni li jaghraf xi oggetti.

**PS 1377 Emanuel Cilia** xehed ukoll fit-13 ta' Settembru 2005 fejn esebixxa okkorrenza dwar rapport li sar lilu nhar il-hdax (11) t'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) ghall-habta tad-disgha u kwart (9:15) minn Louis Cauchi dwar serq li huwa kellu mill-fond "Lou Agnes", Triq il-Wileg, San Lawrenz. Dan ir-rapport gie esebit prezenzjalment u gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument PS.

**WPS 50 Miriam Attard** xehdet ukoll fit-13 ta' Settembru 2005 fejn ipprezentat rapport maghmul lilha minn Maria Grech dwar serq minn fond li jinsab Triq ir-Rokon, San Lawrenz, proprjeta' ta' James Nolan. Meta x-xhud marret fuq il-post iltaqghu mal-gardinar Frank Dimech. Dan qal li kien hu li jiehu hsieb hemmhekk. Frank Dimech kien gie nfurmat li kellu l-bieb ta' quddiem sgassat. Hija esebiet l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport liema okkorrenza giet esebita prezenzjalment u giet immarkata mill-Qorti bhala dokument WPS.

**PS 369 Joseph Mizzi** xehed ukoll fit-13 ta' Settembru 2005 fejn ipprezenta okkorrenza li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PS 2 dwar rapport li sar lilu nhar l-erbatax (14) t'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) dwar allegat serq li sar mill-fond "Dar Hope" Triq ir-Rokon, San Lawrenz, ghad-detriment ta' Michael Carter. Ix-xhud esebixxa wkoll rapport iehor li gie mmarkat bhala dokument PS 3 li huwa rapport dwar serq li sar mill-fond, numru 5, Triq ir-Rokon, San Lawrenz, u cioe' ghad-detriment ta' Hans Gunter Bloking.

**Piju Borg** xehed ukoll fit-13 ta' Settembru 2005 fejn iddikjara li xogholu huwa li jbiegh l-antikita fi Pjazza Savina u hemm zewgt ihwienet. Huwa jiftakar li xi zmien ilu kien xtara xi antikitajiet minghand certi persuni. Jispjega kif dak iz-zmien giet koppja f'wiehed mill-hwienet tieghu u talbet ghall-prezz ta' oggett partikolari u Borg qalilha li kien jiswa hamsa u ghoxrin lira (Lm25), izda m'ghogobhiex u staqsiet biex tara iktar affarijiet. Borg, innocentament, hadha f'dar number forty one (41) li kien

juzaha bhala store, fejn hemmhekk regghet staqsiet ghall-prezz ta' oggett iehor, u Borg irrispondieha li kien ser jaccetta hames liri (Lm5) iktar mill-iehor. Il-koppja qaltlu li ser terga' tkellmu u telqet, u nofs siegha wara giet lura flimkien mal-Ispettur Antonello Grech u xi pulizija ohrajn fejn l-Ispettur staqsa lil Borg jekk kienx lest jehodhom fl-istore u Borg qal "Iva, ok". Hemmhekk il-koppja bdiet taghzel xi affarijiet li qalet li huma taghha. F'dak il-waqt l-Ispettur talab lix-xhud imur mieghu l-ghassa u hadu fl-ufficju tac-C.I.D. Borg ighid li dam arrestat minn nofsinhar neqsin kwart (11.45am) sal-hdax u nofs ta' bil-lejl (11.30pm) fejn f'dak il-perjodu l-allura Spettur illum Supretendent Antonello Grech interrogah dwar l-affarijiet li kien xtara. Borg ikkopera mieghu u qal li hafna affarijiet kien xtrahom mill-monti ta' Malta u semma zewg (2) persuni Frankie u Lucy, u ghall-habta tad-disgha (9.00pm) ddikjara li xtara l-oggetti misruqa minghand l-imputat, u tah il-lot kollu bil-prezz ta' erbgha mija u tletin lira (Lm430) li fosthom kienu jinkludu barometer, fanali tar-ram, garra tal-fuhhar, platti tac-ceramika u affarijiet ohra mhux ta' valur. L-ghada, l-imputat Francis Axiaq mar ghand Piju Borg bl-iskop li jbiegh iktar affarijiet, izda Borg m'accettax.

**L-Ispettur Maurice Curmi** xehed ukoll fit-13 ta' Settembru 2005 fejn qal li n-nies bdew jaghrfu l-affarijiet taghhom li kienu ghand l-imputat, u mar minn rajh u gab vettura mimlija affarijiet ohrajn.

**Max Xuereb** xehed fil-15 ta' Settembru 2005 fejn iddikjara illi gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti bid-Digriet tieghu tas-27 ta' Awwissu 2005, sabiex jigbed numru ta' ritratti in konnessjoni ma' serq minn Farmhouse sitwata fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz. F'din is-seduta, Xuereb kien f'pozizzjoni li jesebixxi dawn ir-rittratti, u qed jigu mmarkati minn Dokument "MX I" sa "MX 60" rispettivament.

**PS 1346 Anton Schembri** xehed ukoll fil-15 ta' Settembru 2005 fejn esebixxa okkorrenza rigwardanti serq ta' diversi oggetti antiki li sar minn fond Numru 8, Triq San Lawrenz. Dan id-Dokument qed jigi esebit

prezenzjalment u qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument “AG”.

**Joseph Axiaq** xehed fit-8 ta’ Novembru 2005 fejn iddikjara illi huwa kien gie misruq mid-dar Numru 8 fi Triq San Lawrenz izda ma jafx min hu l-halliel. Axiaq mar mal-Pulizija ghand Piju Borg, maghruf ukoll bhala “Piju Ta’ L-Erwieh” li joqghod wara l-Pjazza ta’ Savina, ir-Rabat, fejn fid-dar tieghu sabu affarijiet tax-xhud. Dawn l-affarijiet qeghdin esebiti fil-lista mmarkata bhala Dokument “Z”.

**PS 187 Mario Cassar** xehed ukoll fit-8 ta’ Novembru 2005 u huwa stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija, ir-Rabat. Fl-24 ta’ Awwissu 2005 ghall-habta tat-tlieta u nofs (3.30pm), Cassar ircieva rapport minghand certu Anthony Farrugia dwar serq bi sgass fir-residenza Number 5, Triq ir-Rokon, San Lawrenz. Farrugia jghid li kien qieghed jattendi din ir-residenza waqt li s-sid, certu Hans Gunther Bloking kien imsiefer, u kien f’dan il-waqt li nduna bis-serq. PS 187 Mario Cassar nizzel l-affarijiet neqsin li semma Anthony Farrugia f’rapport immarkat mill-Qorti bhala Dokument “X”. Jghid ukoll illi ghalkemm fir-rapport hemm miktub “suspetti”, dakinhar ma kellu suspetti f’hadd, u sar ‘update’ minn ta’ warajh.

**PS 1424 Mario Sciberras** xehed ukoll ghat-8 ta’ Novembru 2005 u huwa stazzjonat ukoll l-Ghassa tal-Pulizija, ir-Rabat. Fl-20 ta’ Awwissu 2005 ghall-habta tas-saghtejn (2.00pm), Sciberras ircieva telefonata minghand certu Rose Vella li rrapurtat serqa f’residenza fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz, waqt li s-sid, certu Michael Carter, kien imsiefer. Sciberras jesebixxi l-okkorrenza relattiva mmarkata mill-Qorti bhala Dokument “Y”.

**PC 1371 Alfred Grech** xehed ukoll fit-8 ta’ Novembru 2005 fejn iddikjara illi gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Antonio Micallef Trigona bid-Digriet tieghu tas-27 ta’ Awwissu 2005 fil-kapacita’ tieghu bhala Finger Prints Expert in konnessjoni ma’ serq bi sgass li sar fil-fond fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz. F’din is-seduta, Grech esebixxa r-relazzjoni tieghu u din giet markata mill-Qorti bhala Dokument “SOCO”.

**Max Xuereb** xehed ukoll fit-8 ta' Novembru 2005 fejn iddikjara illi kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Antonio Micallef Trigona b'digriet tieghu tas-27 ta' Awwissu 2005 fil-kapacita' tieghu bhala Espert tal-Fotografija in konnessjoni ma' serq bi sgass go farmhouse fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz. F'din is-seduta, Xuereb esebixxa tlieta u ghoxrin (23) rittratt li qed jigu mmarkati komplessivament bhala Dokument "MX".

**L-Ispettur Antonello Grech** xehed fil-15 ta' Dicembru 2005 fejn esebixxa sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-konfront tal-imputat odjern li gharaf prezenti fl-Awla. L-Ufficcjal Prosekutur u investigatur kien l-Ispettur Maurice Curmi, u din is-sentenza nghatat fid-disgha (9) ta' Dicembru elfejn u erbgha (2004) u qed tigi mmarkata mill-Qorti bhala Dokument 'S'.

**Joseph Mallia** xehed fit-2 ta' Frar 2006 fejn esebixxa zewg faxxikoli konsistenti f' 'palm hands' u 'finger prints' mehuda lill-imputat seduta stante li l-Qorti qed timmarka bhala Dokument "JM I" u "JM 2" rispettivament.

**Joseph Ellul** xehed ukoll fit-2 ta' Frar 2006 fejn ikkonferma illi fis-sajf tas-sena elfejn u hamsa (2005) huwa kien irraporta lill-Pulizija dwar diversi affarijiet li nstabu neqsin mill-fond tieghu 'Dar Gejta' Triq ir-Rokon, San Lawrenz. Il-Pulizija kienu baghtu ghal Ellul biex jidentika x'oggetti nsterqu mill-fond residenzjali tieghu u hu identifika xi affarijiet li li kien hemm ghand il-Pulizija, u qieghed jesebixxi l-lista ta' dawn l-affarijiet prezenzjalment li l-Qorti qed timmarka bhala dokumenti "JE".

**L-Ispettur Maurice Curmi rega** xehed ukoll fit-2 ta' Frar 2006 fejn esebixxa Sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar id-9 ta' Dicembru 2004, liema Dokument gie markat bhala Dokument "Z".

**Rose Vella** xehdet ukoll fit-2 ta' Frar 2006 fejn qalet li tiehu hsieb il-Farmhouse 'Dar Hope' ta' certu Michael Carter sitwata fi Triq ir-Rokon, San Lawrenz. Vella tghid li

fis-Sajf tas-sena 2005, ftit qabel Santa Marija, il-Gardinar qalilha li sab il-bieb ta' wara miftuh sgassat fejn effetivament rat li dan kien minnu. Indunat ukoll li kiem hemm arlogg boxxla nieqes u ghamlet rapport. Meta baghtu ghaliha fl-Ufficju tal-Pulizija, Vella gharfet l-istess arlogg boxxla hemm. Issostni wkoll li fil-propjeta 'Dar Hope' sehh sgass iehor tlitt ijiem wara u nsterqu iktar affarijiet. Ghal darb'ohra, Vella marret ghand il-Pulizija u gharfet dawn l-istess oggetti hemm. Tghid li ma tafx kemm huma ta' valur dawn l-affarijiet.

**Louis Cauchi** xehed ukoll fit-2 ta' Frar 2006 u jghid illi huwa kien irraporta fuq serq li sar fir-residenza tieghu 'Lou Agnes', Triq il-Wileg, San Lawrenz. Fost l-affarijiet li nsterqu kien hemm mingell, zewg gharibiel, tlett imniegel u affarijiet ohrajn antiki tar-raba, li l-valur taghhom ma kiemx maghruf minhabba l-fatt li Louis Cauchi kien wirithom. Il-Pulizija kienu baghtu ghal Cauchi u dan sab l-oggetti msemmijin ghandhom.

**Marie Grech** xehdet ukoll fit-2 ta' Frar 2006 u tiftakar li fis-Sajf tas-sena 2005, specifikament fix-xahar t'Awwissu, kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar serq bi sgass li sar fil-Farmhouse li tiehu hsieb, ta' certu James Noulen, sitwata fi Triq ir-Rokon bl-isem ta' 'Dar ta' Xmun'. Hsarat ma sehhux hlief dawk fil-bieb sgassat. Uhud mill-oggetti li nsterqu kienu lampa u mera antika ta' valur mhux maghruf. Tliet gimghat wara, Grech u s-seftura tal-post gharfu l-istess oggetti ghand il-Pulizija.

**Anthony Farrugia** xehed ukoll fit-2 ta' Frar 2006 fejn iddikjara li kien ghamel rapport lill-Pulizija dwar is-serq bi sgass li sehh fil-Farmhouse San Lawrenz, fi Triq ir-Rokon, li Farrugia kien qed jiehu hsieb waqt li s-sid Hans Gunther Bloking kien imsiefer. Jirrakkonta kif kien induna b'xi bibien illevati, hgiega miksura u taqlib god-dar. Il-Pulizija kienu baghtu ghal Farrugia fejn hemmhekk hu gharaf diversi oggetti li ttiehdu mill-fond ta' Hans Gunther. Il-hsara li saret fid-dar ma kinitx kbira; Farrugia hallas disgha liri (Lm9) ghal serratura gdida ghall-bieb, zewg liri (Lm2) ghall-hgiega, u ghamel maintenance zghira fuq xi affarijiet ohrajn li kellhom bzonn tiswija.

**Vincent Camilleri Ellul Bonici** xehed fil-25 ta' Lulju 2006 fejn iddikjara illi huwa kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha tat-2 ta' Frar 2006 (fol. 103) sabiex jaghti stima ta' diversi oggetti li kienu nstabu fil-pulizija tal-Pulizija, ir-Rabat, Ghawdex. L-espert ighid illi hu kien mar fl-Ghassa tal-Pulizija, ir-Rabat, u kien gie indikat diversi oggetti mill-allura Spettur illum Supretendent Antonello Grech u f'din is-seduta esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghal dan il-fini liema relazzjoni giet esebita minnu seduta stante u giet markata mill-Qorti bhala Dokument "VC". Ellul Bonici jghid li dawn l-oggetti in kwistjoni jiswew sebgha mija u sitta u disghin lira (Lm796). Isostni wkoll illi l-imputat Francis Axiaq ma kienx prezenti waqt li hu ghamel dan l-ezami tieghu.

**Joseph Mallia** xehed fis-16 ta' Jannar 2007 fejn iddikjara illi gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat li qed jaghraf prezenti fl-Awla. F'din is-seduta, Mallia kien jinsab f'pozizzjoni li jesebixxi r-Relazzjoni tieghu prezenzjalment li din qed tigi mmarkata mill-Qorti bhala dokument "SOCO". Mallia rritorna l-impronti li hu ghamel ezami fuqhom.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar il-21 ta' Jannar 2009 (fol. 256) u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta dawn l-istess zewg akkuzi.

Semghet **lill-imputat** jixhed minn jeddu b'mod volontarju nhar l-24 ta' April 2009 u kkonerma li kien dahal fil-fond numru 8 Triq San Lawrenz u seraq xi oggetti tal-antikita bhal mohriet, gurxien, maghzaq u xi affarijiet ohra u huwa minnu wkoll ighid li bieghhom lil Piju Borg li huwa armat fil-Pjazza Savina u kien tah mitejn lira maltin (LM200) taghhom.

Spjega li dakinhar kien dahal ukoll fil-fond 6 Triq ir-Rohon quddiem il-lukanda ta' San Lawrenz u minn hemm ha xi oggetti ohra bhal kuciniera antika, lampa u xi oggetti ohra. Jghid li dahal minn gewwa ghaliex il-post kien miftuh. Fil –fond numru 8 jghid li ma dahalx. Jghid li sabiex dahal

f’dawn il-postijiet ma ghamel l-ebda sgass u kien dahal ghall-habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl. Jghid li kien hu li akkompanja lill-pulizija f’dawn il-postijeit meta kien arrestat . Jghid li mhux minnu dak li qal Piju Borg meta stqarr li kien hallas is-somma ta LM430 ghal oggetti li xtara minghandu ghaliex kien tah hafna anqas.

Rat li fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2009 Dr. Anton Refalo ghall-imputat kien talab in-nomina ta’ Probation Officer sabiex thejji Pre-Sentencing Report u l-Qorti dakinhar stess innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta ghal dan l-iskop.

Rat ukoll l-istqarrija li huwa kien irrilaxja nhar il-31 ta’ Awwissu 2005 esebita fl-atti a fol. 15 markata bhala dok MC u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kien ammetta li kien dahal f’zewgt idjar u cioe’ dik ta’ 6, Triq ir-Rokon u l-ohra fi Triq San Lawrenz l-istess zewgt idjar li semma fix-xhieda tieghu viva voce l-Qorti. Ikkonferma li kien ha xi oggetti tal-antikita u li kien bieghhom lil Piju Borg. Ikkonferma li kien mar bl-affarijiet li seraq ghand Piju u kien tah is-somma gja imsemmija ta’ LM200.

**Dr. Josette Rapa** xehdet fid-29 ta’ Lulju 2009 wara li din gie ezentata mis-sigriet professjonali taghha mill-imputat. It-tabiba Rapa tenniet li l-imputat odjern jaghmel testijiet tal-urina kull gimgha u li minn Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) sa’ din il-gurnata kollha taw rizultat negattiv. Pero tal-ahhar gimgha ma kienx ghadu maghruf. Rapa esebiet dawn it-testijiet li l-Qorti mmarkat komplessivament bhala Dokument “CSH”.

**Miriam Sevasta** xehdet fit-28 ta’ Settembru 2009 fejn iddikjarat li kienet giet nominata minn din il-Qorti sabiex thejji pre-sentencing report. Il-Probation Officer esebiet l-istess rapport li gie markat mill-Qorti bhala dokument “MS”. Tghid illi f’din ir-relazzjoni hemm ukoll ir-rakkomandazzjoni taghha. Tat kopja tal-istess kemm lid-difiza kif ukoll lill-Prosekuzzjoni.

Minn ezami akkurat ta’ dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat kellu passat ta’ hajja kriminali fejn kien instab hati ta’

diversi reati fosthom ta' serq u droga pero stqarret li kemm kien ilu ghaddej b'dawn il-proceduri sa mis-sena 2005 l-imputat ghamel progress kbir tant li heles mill-vizzju ta' droga u dan kif sahansitra anke jidher minn bosta testijiet li ttiehdulu li lkoll taw rizulat negattiv ghall-presenza ta' droga .

**Miriam Sevasta** regghet xehdet fit-22 ta' Marzu 2011 fejn ikkonfermat illi pprezentat il-Pre-Sentencing report fis-sitta (6) ta' Gunju elfejn u disgha (2009). Taf illi minn dakinhar l'hawn kienet harget ordni l-Qorti sabiex l-imputat jaghti sample tal-urina kull gimgha u tghid illi huwa zamm dejjem l-appuntament l-isptar u t-testijiet li huwa ta dejjem taw rizultat negattiv ghall-prezenza tad-droga. Issostni wkoll illi hi baqghet taghmel home visits lill-imputat u hu baqa f'kuntatt regolari mal-Ufficcju tal-Probation, u tghid ukoll illi wera progress kbir u qed jaghmel hiltu kollha sabiex jghix hajja ahjar. Sevasta esebiet ir-rapport taghha li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument "Z".

Il-Probation officer stqarret li l-imputat qed jaghmel hiltu kollha sabiex ighix hajja ahjar minkejja li ghamel zmien twil l-isptar rekoverat minhabba problem ta' sahha fosthom dik ta' diabete . Tghid li l-imputat isib hafna support mill-familjari tieghu u talbet lill-Qorti tiehu dan kollu in konsiderazzjoni meta tigi sabiex taghti s-sentenza taghha.

Kunsiderazjonijiet legali:

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen*' [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are* <u>*no*</u> *(sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Joseph Gauci et</u>**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Issa f'dan il-kaz l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat fuq tmien serqiet u talli ikkaguna hsara volotarja u talli huwa rriceta hwejjeg misruqa u biegh l-istess.

Dwar dan il-Qorti trid tifli x-xhieda kollha imresqa sabiex tkun konvinta li kien l-imputat u l-imputat biss li seta' seraq mill-fondi msemmija fl-akkuza. Il-Prosekuzzjoni resqet diversi nies sabiex ighidu li huma sfaw vittmi ta serq izda hadd minnhom ma gharaf lill-imputat jew qal li kien l-imputat li serqu. Il-Prosekuzzjoni esebiet xi processi

verbali li saru in konnessjoni ma' dawn l-istess serqiet li bihom gie akkuzat l-imputat pero' minn ezami taghhom ghalkemm jirrizulta li verament sehhet is-serqa ma hemm xejn li jorbot is-serqa mal-imputat. Ma hemmx dubbju li l-pulizija esekuttiva ghandha l-impronti digitali tal-imputat fis-sistema taghha u ghalhekk setghet facilment ghamlet ezami komparattiv bejnhom u dawk mehuda mix-xena tad-delitt. Jekk dan sar bhala esercizzju ta' police work din il-Qorti ma tafx u ghalhekk wisq inqas taf b'xi rizultat pero' mill-atti processwali ma kien hemm l-ebda talba mill-prosekuzzjoni sabiex din issir u ghalhekk tali prova hija wkoll monka.

Din il-Qorti resqet lil Piju Borg li kkonferma li kien xtara oggetti li irrizulta li kienu gejjin mis-serq ghaliex kien hemm numru ta' xhieda fosthom Louis Cauchi li gharaf uhud mill-oggetti tieghu liema oggetti l-imputat ammetta li kien biegh lil Piju Borg ghas-somma ta' mitjen lira Maltin LM 200.

Issa sabiex tissussisti l-akkuza ta' ricetazzjoni kif prevista fl-**artikolu 334** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta Jridu jigu ppruvati diversi elementi. Skond is-sentenza moghtija fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Joseph Bugelli</u>** mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza per Imhallef Camilleri fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar, 1941, kien gie deciz li l-elementi tar-ricettazzjoni huma :

i. li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta;

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun ircieviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tesita jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza illegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista' jkun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-Difiza hi

dwar l-interpretazzjoni tal-kelma *xjenza*. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma *xjenza.*

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li:

*" per l'imputabilita del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) jiktbu

*'knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

**a.** **<u>Il-Pulizija v Bugelli</u>** (*vol XXXI pg. 468)*
**b.** **<u>Il-Pulizija v Simiana</u>** (vol XXXIII pg. 966)
**c.** **<u>Il-Pulizija v Muscat</u>** (vol XXV pg. 706)
**d.** **<u>Il-Pulizija v Degiorgio</u>** (vol XXXVII pg. 1059)
**e.** **<u>Il-Pulizija v Fenech</u>** (vol XXIX pg. 694)
**f.** **<u>Il-Pulizija v Calleja</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza:

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;
3. Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;
4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista jkun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;
5. Min jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu illegittimament u intant tilqa dak l-oggett mighajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;
6. Jigi iccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*
7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibietlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista’ tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghal iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista’ jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;
8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza illegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-

nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li kien hemm min gharaf li l-oggetti li biegh l-imputat lil Piju kienu gejjin mis-serqa fejn kienu sfaw vittmi huma liema serqa kienet sehhet ftit qabel ma huma raw l-oggetti ghall-bejgh ghand Piju Borg. Dan qed jinghad partikolarment ghal dak li qal Louis Cauchi li gharaf l-affarijiet tieghu li kienu. Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proceduri kien anke sahansitra ghamel rikors sabiex jiehu lura l-oggetti u l-imputat ma kienx oggezzjona.

Jirrizulta minn dak li qal l-imputat fl-istatement li Piju Borg kien qallu li huwa jixtri anke affaijiet misruqa u meta huwa mar in segwitu bl-oggetti li kellu ghall-bejgh u dan f'disgha okkazjonijiet Borg tah biss is-somma mizera ta' mitejn lira Maltin ghall-konsenja kollha. Mistoqsi kif kien ighamel ighid li Borg kien idahhlu go dar vicin fejn kien ibiegh fi Piazza Savina u kien isir in-negozju hemmhekk il-boghod mill-ghajn ta' terzi . Ma hemmx dubbju li ghalhekk l-imputat kien jaf li kien qed ibiegh oggetti misruqa u dan ghaliex kif qal hu stess li l-oggetti li kien qed ibiegh kienu gejjin minn attivita kriminali. Ghalhekk din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza ta' ricettazjoni.

Dwar l-akkuza ta' serq din il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati biss ta' dawz iz-zewg serqiet ammessi mill-istess imputat u cioe' dawk li sehhew mill-fond numru 6 Triq ir-Rokon, San Lawrenz u dik minn Triq San Lawrenz, San Lawrenz liema serq huwa aggravat bil-hin ghaliex skond l-imptuat huwa dahal jisraq bil-lejl jiehu l-oggetti, ihallihom fl-ghalqa u jigborhom l-ghada u ghalhekk zgur li s-serq sar bil-lejl. Bl-aggravju tal-valur ghaliex jirrizulta li l-oggetti kellhom valur li jeccedi l-mitt lira Maltin kif del resto stqarr l-espert nominat mill-Qorti u bl-aggravju tal-lok stante li d-djar kienu residenza ta' barranin. Fir-rigward tas-serqa mir-razzett Triq ir-Rokon din is-serqa hija wkoll aggravata bil-mezz stante li fir-rapport tal-pulizija lill-Magistrat tal-

Ghassa meta nfethet l-inkjesta hemm imnizzzel li kien hemm diversi sgassi u din il-prova ma gietx kontestata mill-imputat.

Dwar l-akkuzi l-ohra ta’ serq din il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprovhom fil-konfront tal-imputat odjern.

Dwar l-akkuzi ta’ hsara volontarja jinghad li din ma tirrizultax li saret fir-rigward taz-zewg serqiet li l-Qorti qed issibu hati taghhom. Dan ghaliex fil-waqt tas-serqa mir-razzett gewwa Tirq ir-Rokon San Lawrenz il-Qorti  qed issib lill-imputat hati tal-aggravju tal-mezz u cioe talli sgassa biex jisraq u fir-rigward tas-serqa l-ohra minn Triq San Lawrenz ma jidhirx li hemm xi hsarat ghaliex kif qal l-imputat stess huwa dahal minn wara minn bieb li kien miftuh. Minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi hsara volontarja kagunata mill-imputat.  Fir-rigward tas-serqiet l-ohra fejn seta’ kien hemm xi hsara volontarja din ma tistax tigi attribwita lill-imputat u ghalhekk din il-Qorti qed tilliberah minn din l-akkuza ta’ hsara volontarja.

Dwar l-akkuza ta’ recidiva din tirrizulta provata u dan ghaliex xehed l-Ispettur Maurice Curmi u kkonferma li s-sentenza esebita fl-atti a fol. 93 markata bhala dok S fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Franics Axiaq” moghtija minn din l-istess Qorti nhar id-9 ta’ Dicembru 2004 inghatat  fil-konfront tal-imputat li huwa gharaf prezenti fl-Awla. Il-Qorti tirrileva li f’din is-sentenza l-imputat kien instab hati ta’ pussess ta’ droga eroina u kienet ikkundannatu ihallas multa ta’ Lm 400 u ghalhekk tali akkuza ta’ recidiva tirrizulta provata.

Dwar il-piena:

Illi din il-Qorti hija ferm vantaggjata minn Qrati ohra meta tigi sabiex tiggudika lill-imputat ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta’ sebgha snin.  Innotat il-progress kbir li ghamel l-imputat tul il-kaz. Ma hemmx dubbju li l-imputat kellu problema kbira ta’ abbuz ta’ droga u li kien bniedem vulnerabbli hafna .

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Fil-fatt kienet ordnat li l-imputat jissottometti ruhu ghal testijiet kul gimgha sabiex ighati kampjun tal-awrina tieghu sabiex jigi ttestjat ghall-presenza o meno ta’ droga u minn dak li xehdu Dr. Josette Rapa u l-Probation Officer dawn dejjem taw rizultat negattiv ghall-presenza ta’ droga. Semghet dak li qalet il-Probation Officer li l-imputat kellu hafna problemi f’sahhtu tant li anke kien rekoverat l-isptar ghal zmien twil minhabba l-problema ta’ dijabete li ghandu. Izda dan nonostante ma regax waqa’ ghall-vizju mishut ta’ tehid ta’ droga. Din il-Qorti tawguralu sabiex jibqa’ fuq din it-triq.

Il-Qorti hija preokkupata tenut kont is-serjeta’ tar-reat fis-sens illi l-imputat dahal fir-residenza ta’ terz u kkommetta s-serqa in kwistjoni bl-aggravji taghha (ghalkemm l-ammont tas-serqa mhux daqstant kbir) kif ukoll li huwa recidiv. Mill-banda l-ohra tara illi huwa opportun illi tnehhi l-impressjoni li l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena, huwa biss li jkun ta’ deterrent biex ighallem lil dak li jkun illi ‘*crime does not pay*’. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti pero’ llum il-kuncett m’huwiex aktar ta’ piena retributtiva imma ta’ sistema restorattiva fejn jekk hu possibbli u safejn possibbli u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti tal-imputat isir tentattiv biex mhux issir rikonciljazzjoni bejn

l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn imma anke illi jkun hemm possibilita' li, dak li jkun, jigi riformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi fit-triq it-tajba. Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti Kriminal fit-22 ta' Settembru 1993***fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri**.

Il-Qorti nnotat li hafna mir-res furtiva illum giet ritornata lil sidha .

F'dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont ic-cirkostanzi huwa opportun il-provvediment illi sejra taghmel.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe dawk mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-7 ta' Mejju 2007 (fol. 206) u cioe l-artikoli 18, 49, 50 ,261 (b) (c) (e) (f), 23, 267 270, 278 279, 325 334, 33 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ssib lill-imputat hati tal-akkuza ta serq aggravat bil-hin, lok, mezz u valur mill-fond numru 6 Triq ir-Rokon, San Lawrenz u ta' serq aggravat bil-lok, hin u valur mill-fond 8, Triq San Lawrenz, San Lawrenz u talli huwa recidiv izda ghar-ragunijiet fuq imsemmija tiddeciedi li tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu massimu permezz mill-ligi ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u tirrakomanda li tappunta l-istess Probation Officer li gja hadet hsieb lill-imputat tul din il-kawza u li bis-sahha taghha ghamel progress kbir f'hajtu.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjon isabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizji involuti f'dan il-kaz il-Qorti tilqa t-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta limitatament dwar iz-zewg serqiet li sabitu hati taghhom u cioe tal-fond numru 6 Triq ir-Rokon, San Lawrenz u mill-fond numru 8 Triq San Lawrenz, San Lawrenz.

Il-Qorti qeghda taghti l-fakolta ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta sabiex l-ispejjez tal-esperti nominati f’dawn iz-zewg inkjesti jitthallsu b’rati mensili u konsekuttivi ta’ erbghin euro fix-xahar (Euro 40) u fin-nuqqas li jsir pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Diretttur tal-Qorti ghall- gbir tal-ispejjez relattivi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------